MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta ta' l-24 ta' Marzu, 2004

Appell Civili Numru. 864/2001/1

**Tessons Snack Food Limited**

**vs**

**Michael Sammut**

**Il-Qorti,**

Fit-2 ta' Gunju, 2003 il-Qorti Civili tal-Magistrati ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"Il-Qorti,

Rat l-avviz ipprezentat mis-socjeta' attrici fl-10 ta' Ottubru, 2001, fejn talbet lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenut illi jhallas is-somma ta' elf, seba' mija u sebghin lira Maltin (Lm1,770) rapprezentanti rifuzjoni ta' flus u bonus moghtija lill-konvenut skond kuntratt tat-18 ta' Gunju, 1997, liema kuntratt gie miksur mill-konvenut.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittri ufficjali tas-6 ta' Gunju, 2001, u tal-11 ta' Lulju, 2001, u bl-imghax ta' 8% fuq Lm1,770 mis-6 ta' Gunju, 2001, sal-hlas effettiv, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa:

1. Illi l-kuntratt li fuqha bbazat ruhha l-azzjoni tas-socjeta' attrici ma giex miksur u ghadu vigenti, tant illi, di fatti, l-istess socjeta' attrici ghadha qieghda tghaddi l-merkanzija fil-hanut 'Your Choice Confectionery' sad-data tal-prezentata ta' dawn l-eccezzjonijiet;

2. Illi, minghajr pregudizzju ghall-premess, il-kuntratt imsemmi mis-socjeta' attrici, huwa wiehed kontrattwali, fejn, filwaqt illi l-konvenut intrabat illi jixtri esklussivament minghand is-socjeta' attrici, minghajr ma esprimitu bil-miktub, intrabtet illi tipprovdi tali prodotti lill-konvenut, liema ftehim hija kissret ripetutament meta ma kienetx tipprovdi merkanzija, kif miftiehem u, sahansitra, waqqfet tipprovdi tali merkanzija ghall-periodu u hadet lura l-equipment necessarju sabiex jinbiegh tali merkanzija;

3. Salv eccezzjonijiet ohra.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza hija bbazata fuq kuntratt jew ftehim li sar fit-18 ta' Gunju, 1997, (Fol.19) fejn is-socjeta' attrici tat elfejn lira Maltin (Lm2,000) lill-konvenut bil-kondizzjoni illi dan ibiegh esklussivament prodotti taghha taht certa kondizzjonijiet sakemm il-konvenut ilahhaq ic-cifra ta' hamsa u ghoxrin elf lira Maltin (Lm25,000) f'bejgh. Fil-kaz illi l-hanut jigi trasferit jew imwilli lill-terzi, ssir kalkolu *pro rata* sabiex il-konvenut jirrifondi l-ammont misluf.

Irrizulta mill-provi specifikament mix-xhieda tas-*salesmen* Alex Cassar u David D’Amato illi l-konvenut wella l-hanut lil terzi u fl-ahhar sena ta’ l-operazzjoni tieghu beda’ jbiegh ukoll prodotti ta’ kompetituri tas-socjeta’ attrici. Minkejja li fl-ahhar seduta l-konvenut esebixxa t-*trading license*, ma jfissirx illi b’daqshekk ma kienx f’posizzjoni illi jwilli l-hanut kif xehdu Cassar u D’Amato. Ghalhekk kien jinkombi fuqu li jaghmel il-kontijiet mas-socjeta’ attrici u jhallas il-bilanci dovuti.

Il-konvenut ma kkontestax il-ftehim tat-18 ta’ Gunju, 1997, u ghalhekk il-Qorti trid tohodha bhala patt illi jirregola r-relazzjonijiet kuntrattwali bejn il-partijiet. Ma hemm xejn illegali f’dan il-kuntratt u ghalhekk is-socjeta’ attrici tista’ tesigi fil-konfront tal-konvenut li josserva t-termini taghha. Lanqas ma jidher illi gie kkontestat l-ammont ta’ elf, seba’ mija u sebghin lira Maltin (Lm1,770) l-ammont illi qeghda titlob lura s-socjeta’ attrici. L-unika haga li l-konvenut qieghed jghid hi illi s-socjeta’ attrici ghadha tissuplixxi lill-hanut tieghu sa’ llum.

Minkejja li rrizulta illi Alex Cassar ghadu jissuplixxi l-aventi kawza tal-konvenut, dan il-ftehim huwa wiehed personali, allura l-konvenut jibqa’ responsabbli ghat-termini tieghu.

Il-Qorti jidhrilha illi s-socjeta’ attrici ippruvat fi grad li trid il-Ligi l-kaz taghha u ghalhekk il-konvenut ghandu jhallasha l-ammont mitlub ladarba kien huwa li ma osservax it-termini ta’ l-istess kuntratt u ghadda l-hanut lill-terzi, f’liema kaz jidhlu *in vigore* l-ahhar kweziti ta’ l-istess ftehim.

Ghal dawn il-motivi:

Il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi tilqa’ t-talba tas-socjeta’ attrici u tikkundanna lill-konvenut illi jhallasha s-somma ta’ elf, seba’ mija u sebghin lira Maltin (Lm1,770) rapprezentanti rifuzjoni ta’ flus u bonus moghtija lill-konvenut skond kuntratt tat-18 ta’ Gunju, 1997, liema kuntratt gie miksur mill-konvenut.

Bl-ispejjez u l-interessi legali mid-data tan-notifika ta' l-avviz kontra l- konvenut."

L-aggravji sostenuti mill-konvenut kontra din is-sentenza jikkonsistu minn obbjezzjonijiet fil-konfront tal-apprezzament tal-provi li sar mill-ewwel Qorti. Huwa jikkontendi illi gie provat illi kien hemm zmien fejn is-socjeta` attrici ma kienetx qed tipprovdilu gelati taghha u ghalhekk ma seta', u ma kellu, jigi addebitat lilu l-ebda ksur tal-ftehim. Jissottometti inoltre illi minn naha l-ohra ma ngiebet l-ebda prova da parte tas-socjeta` attrici tal-allegata twellija tal-hanut tieghu. Anzi, hu jsostni, illi l-fatt li hu baqa' jzommu, u anke jgedded it-'trading licence' kellha titqies prova cara illi hu qatt ma wella l-hanut lil terzi.

Anke jekk ma hemmx ghalfejn il-fatti jergghu jigu mtennija din il-Qorti ser tinkwadra l-aspetti l-aktar singolari taghom, ghall-ahjar gwida u epurazzjoni tal-aggravji sottomessi.

Bi skrittura ta' ftehim datata 18 ta' Gunju 1997 (fol 19) il-partijiet ftehmu illi l-konvenut appellanti jixtri b'mod esklussiv il-gelati tas-socjeta` appellata. In kontemplazzjoni ta' dan il-ftehim, li d-durata tieghu kellha tispicca malli l-konvenut ikun xtara kwantita` ta' gelat sal-valur ta' hamsa u ghoxrin elf lira, l-konvenut nghata somma ta' elfejn Lira (Lm2000) kwalifikata bhala 'bonus'. Il-ftehim kien jahseb ukoll illi f'kaz li l-konvenut jiddeciedi li jbiegh jew jiddisponi b'sullokazzjoni mill-hanut dan il-bonus kellu jigi rifuz lura lis-socjeta` attrici "on a pro-rata basis taken on purchases of foreign ice-creams".

Mix-xhieda prodotti mis-socjeta` appellata irrizulta bhala stat ta' fatt illi fl-ahhar sena qabel ma ttrasferixxa l-hanut il-konvenut kien qed jixtri gelati minn sorsi ohra. Dwar dan il-fatt ingibditlu l-attenzjoni mid-driver tal-kumpanija attrici. Ara deposizzjoni ta' David D'Amato (fol 24). F'dan il-kuntest gie suggerit mill-konvenut appellant illi hu kien jaghmel dawn l-akkwisti ghax il-kumpanija appellata ma kienetx qed tipprovdih bil-prodott taghha. Ix-xhud Alexander Cassar, salesman mas-socjeta` attrici, filwaqt li jaqbel li forsi kien hemm xi brand ta' gelati li ma jkunx

disponibbli f'mument partikolari izid jippreciza illi "dan pero` ikun biss ghal xi gimgha. Mill-bqija bhala massa ta' prodotti, dejjem kellna u dejjem fornejna lill-konvenut" (fol 22).

Gie imbaghad stabbilit ukoll minn dawn ix-xhieda kif ukoll mix-xhud l-iehor Joseph Busuttil (fol 16) accountant tas-socjeta` appellata, illi fl-2001 il-konvenut ghadda l-hanut lil certu Alfred Mallia u, kif jinghad, mix-xhud Alexander Cassar "lill-konvenut ma rajtux aktar f'dawk l-inhawi".

L-appellanti ma xehedx f'dawn il-proceduri u llimita ruhu biex jesebixxi permezz ta' Nota kopja tat-tigdid tat-Trading Licence ghas-sena 2001 (fol 42).

Premessi dawn il-fatti l-ewwel osservazzjoni li trid taghmel din il-Qorti hi dik li l-interpretazzjoni l-aktar ovvja li temani minn ezami tal-iskrittura ta' ftehim hi dik senjalata ukoll mix-xhud Joseph Busuttil. Jigifieri li l-ftehim kien wiehed personali ghall-konvenut biss. Dan huwa desumibbli b'mod evidenti minn dik il-parti tieghu li tghid illi jekk il-konvenut jghaddi biex jitrasferixxi l-hanut, u naturalment ukoll ma jkunx lahaq il-figura espressa tal-akkwisti tal-prodott, huwa kellu jirrifondi ammont kwantifikat u stabbilit a proporzjon tal-akkwisti li jkunu lahqu saru.

Issa mill-kumpless tal-provi din il-Qorti hi sodisfatta illi minn naha taghha s-socjeta` appellata gabet provi sufficjenti li jsostnu l-bazi tat-talba taghha. Huwa veru illi n-nuqqas ta' difiza mill-konvenut ma jiddisimpenjax lis-socjeta` attrici milli adegwatament tipprova l-fondatezza tal-meritu tal-kawza u l-legittimita` tal-pretensjoni taghha. Izda malli ssir din il-prova l-konvenut li jaghzel li jikkonbattiha hu tenut, imbaghad, minn naha tieghu li jipprova b'mod sostanzjali l-eccezzjonijiet u d-difiza tieghu, u mhux jappilja mal-iskuzanti pwerili illi hu ma xehedx ghax kien impenjat fix-xoghol tieghu. Jekk dan ma ghamlux 'imputet sibi' u ma ghandux jistenna l-indulgenza tal-Qorti in forza ta' din l-istess skuzanti.

F'kazijiet bhal dawn il-Qorti tiddeciedi 'iuxta allegata et probata' fuq il-provi certi prodotti quddiemha u mhux fuq dak li seta` jigi prodott imma li baqa' ma ngiebx.

Bhall-ewwel Qorti din il-Qorti ta' revizjoni ma ssibx li hu ta' ostakolu ghall-akkoljiment tat-talba attrici l-fatt akkampat mill-appellanti illi l-licenzja baqghet tiggedded f'ismu. Fih innifsu dan il-fatt ma jistax jitqies sufficcjenti biex jeghleb il-verita` tal-fatti kif stabbiliti mis-socjeta` appellata. Biex jiddemostra li r-realta` kienet xort'ohra minn kif inkwadrata mis-socjeta` appellata hu htieglu jipprova li ma itrasferixxiex il-hanut. Jekk xejn biex jizmentixxi dak depost mix-xhud Alexander Cassar fejn qal li "kien l-istess konvenut li qalli illi wella l-hanut … …" (fol 21).

In bazi ghal konsiderazzjonijiet suesposti l-Qorti ma ssibx raguni biex tallontana ruhha la mir-raguni u lanqas mill-konkluzjoni tal-Qorti ta' l-ewwel grad.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qed tichad dan l-appell u b'hekk tikkonferma s-sentenza appellata. L-ispejjez anke ta' din l-istanza ghandhom jigu sopportati mill-konvenut appellant.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------